MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 687/2009

**Maria Micallef u Theresa Briffa**

***Versus***

**Rosa Farrugia**

1. Din hija kawża fejn żewġ ulied qegħdin jimpunjaw testment sigriet magħmul minn ommhom għax igħidu illi ma tħarisx l-art. 663 tal-Kodiċi Ċivili li jrid li meta t-testatur ma jkunx jaf jew ma jistax jaqra u jikteb, kull dispożizzjoni b'testment sigriet għandha ssir bl-għajnuna ta' mħallef jew maġistrat.

2. L-atturi fissru illi ommhom, Salvina Armeni, kienet mara bla skola u li ma kinitx taf tikteb u taqra. Qabel ma kienet għamlet it-testment sigriet li dwaru saret din il-kawża, hi kienet għamlet tliet testmenti pubbliċi, wieħed fl-14 ta' Frar 1989, ieħor fis-7 ta' Diċembru 1992 u ieħor fl-14 ta' April, 1994. Fl-aħħar testment tagħha, dak sigriet

tat-30 ta' Ottubru 2006, ommhom, filwaqt li ħalliet lill-atturi s-sehem riżervat (*legitima portio*), kienet ħatret lill-konvenuta bħala werrieta waħdanija u universali ta' ġidha kollu.

3. L-atturi qegħdin issa jitolbu illi l-qorti:

(i) tgħid li Salvina Armeni *de cuius* ma kinitx taf taqra u tikteb u għalhekk għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artt. 663 *et seqq*. tal-Kodiċi Ċivili u tiddikjara wkoll li dawn id-dispożizzjonijiet ma tħarsux meta sar it-testment sigriet;

(ii) tiddikjara li dan it-testment sigriet ma jiswiex, kif irid l-art. 672 tal-Kodiċi Ċivili;

(iii) tiddikjara li l-wirt ta' Salvina Armeni *de cuius* huwa regolat bit-testment pubbliku tal-14 ta' Frar 1989, bin-numru ta' iskrizzjoni 2769/1989; u

(iv) tikkundanna lill-konvenuta treġġa' lura l-assi u l-beni ta' Salvina Armeni, *de cuius*, biex issir il-qasma tagħhom kif irid l-aħħar testment magħmul qabel dak sigriet.

4. L-atturi talbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.

5. Fit-tweġiba tagħha l-konvenuta, ukoll bint it-testatriċi Salvina Armeni, effettivament ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

(i) it-testatriċi Salvina Armeni kienet taf u setgħet taqra u tikteb u għalhekk ma kinitx teħtieġ l-għajnuna ta' mħallef jew maġistrat ssabiex tagħmel testment sigriet;

(ii) it-testatriċi dejjem inqdiet bil-jeddijiet ċivili tagħha mingħajr l-għajnuna ta' terzi persuni;

(iii) hija kienet ħadet parir mingħand nutar pubbliku u mingħand avukat qabel ma għamlet it-testment sigriet li dwaru saret il-kawża; u

(iv) għalhekk, it-testment sigriet ta' ommhom Salvina Armeni jiswa għax magħmul kif trid il-liġi.

6. Fil-qosor, il-fatti huma dawn: il-partijiet huma aħwa, ilkoll ulied il-mejtin Carmelo u Salvina Armeni xebba Mamo. Il-kawża tallum hija dwar il-wirt tal-omm. Matul ħajjitha, Salvina Armeni kienet għamlet tliet testmenti pubbliċi: wieħed fl-14 ta' Frar 1989 (ins. nru 2769/1989), ieħor fis-7 ta' Diċembru 1992 (ins. nru 17802/1992) u ieħor fl-14 ta' April 1994 (ins. nru 5153/1994)[1]. Imbagħad

[1] Kopja ta' dawn it-tliet testmenti pubbliċi qatt ma ġiet preżentata.

fit-30 ta' Ottubru 2006 kienet għamlet testment sigriet[2] għand in-Nutar Pubbliku Marco Buttigieg, li ippreżenta t-testment fir-reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) nhar l-1 ta' Novembru 2006. Salvina Armeni mietet nhar l-4 ta' Novembru 2008 u, wara dikriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) tas-6 ta' Frar 2009, it-testment infetaħ u ġie pubblikat fit-30 ta' Marzu 2009 fil-preżenza tal-Onor. Imħallef Joseph Azzopardi u d-deputat registratur Marcel Bugeja u ta' żewġ xhieda hekk kif igħid u jrid l-art. 534 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. F'dan it-testment sigriet, it-testatriċi Salvina Armeni ħassret kull dispożizzjoni testamentarja misjuba f'testmenti magħmula qabel, ħatret lill-konvenuta bħala werrieta universali ta' ġidha kollu, u ħalliet liż-żewġ ulied l-oħra, l-atturi, is-sehem riżervat (*legitima portio*).

7. Meta għamet il-ħsieb li tibdel it-testment tagħha Salvina Armeni kienet marret għand l-avukat tagħha biex tieħu parir. Għalkemm kienu maru magħha żewġha u bintha l-konvenuta, biex ħadet il-parir kienet daħlet weħedha għand l-avukat. F'din l-okkażjoni Salvina Armeni kienet għarrfet lill-avukat bix-xewqat tagħha biex tirregola l-wirt tagħha mingħajr ma wliedha Maria u Theresa (l-atturi) jsiru jafu li kienet sejra tagħmel testment ieħor ġdid. Għarrfitu wkoll dwar kif riedet tiddisponi minn ġidha favur tal-konvenuta bil-kundizzjoni li l-istess konvenuta tibqa' tieħu ħsiebha sakemm hi tiġi nieqsa. Wara din il-laqgħa, Salvina Armeni kellmet lin-Nutar Marco Burlò u dan qabbadha man-Nutar Marco Buttigieg biex jaqdiha. Reġgħet marret għand l-avukat biex tgħidlu li kienet avviċinat nutar u li xtaqitu jikkomunika man-nutar ħalli jiddiskutu l-kwestjoni tat-testment sigriet. L-avukat imbagħad fisser lin-nutar x'kienet esprimiet miegħu Salvina Armeni meta kienet marret għandu[3].

8. In-Nutar Marco Buttigieg mar id-dar ta' Salvina Armeni, ra x'kienu l-aħħar xewqat tagħha u ħa notamenti. Imbagħad reġa' lura l-uffiċċju tiegħu biex fassal it-testment sigriet hekk kif kienet fissritlu x-xewqat tagħha Salvina Armeni wara li kien kellem ukoll lill-avukat kif ġà ngħad.

2 *Foll.*12 *et seq.*

3 Xiehda tal-Avukat Edward Debono fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2010, *foll.*117 *et seqq.*

Hu mbagħad reġa' għamel appuntament ma' Salvina Armeni u reġgħu ltaqgħu d-dar tagħha fejn mar b'kopja tat-testment sigriet lest imfassal f'idejh. Hemmhekk qralha t-testment sigriet u aċċerta ruhu li "kull kelma kienet skond ix-xewqa tagħha". F'dawn l-okkażjonijiet Salvina Armeni kienet wriet xi ittri lin-nutar biex tispjega u tiġġustifika l-għaliex ta' dak it-testment li kienet tixtieq tagħmel.[4]

9. In-nutar xehed illi, għalkemm it-testatriċi ma kienet kitbet xejn quddiemu, ħlief il-firma tagħha fuq it-testment sigriet, "M'għandix raġuni għalfejn niddubita li ma kinitx taf tikteb ... ... ... Ma kienx hemm raġuni għalfejn irrid intiha xi ħaġa biex tikteb fuqha."[5] Xehed ukoll li t-testment sigriet sar mingħajr ebda ndħil jew influwenzi ta' ħadd[6].

10. L-art. 663 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk dwar kif għandu jsir testment sigriet:

**663.** Dawk li ma jafux jew ma jistgħux jaqraw u jiktbu, ma jistgħu jagħmlu ebda dispożizzjoni b'testment sigriet mingħajr l-għajnuna ta' mħallef jew maġistrat.

11. It-test ingliż huwa kemmxejn differenti:

**663.** It shall not be lawful for any person who does not know how to, or cannot write, to make any disposition by a secret will without the assistance of a judge or magistrate.

12. Filwaqt li fit-test malti l-leġislatur jidher illi ried li t-testatur biex jagħmel testment sigriet ikun jaf u jista' kemm jaqra u kemm jikteb, f'dak ingliż l-istess leġislatur jidher li jrid illi t-testatur ikun jaf biss jikteb. Bis-saħħa tal-art. 8(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutorji, f'każ ta' konflitt huwa t-test malti li jiswa.

13. Relevanti wkoll huwa l-art. 656 tal-Kodiċi Ċivili, dwar "*Forma ta' testment sigriet*", li jgħid hekk:

**656.** (1) It-testment sigriet jista' jiġi stampat, magħmul bit-*typewriter* jew miktub bil-linka sew mit-testatur innifsu jew minn terza persuna.

(2) Meta t-testatur jaf u jista' jikteb, it-testment għandu, fil-każijiet kollha, ikun iffirmat minnu fit-tmiem tiegħu.

---

4 Xiehda tan-Nutar Marco Buttigieg fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2010, *foll.* 136 *et seqq.*

5 *Foll.* 139 *et seq.*

6 *Fol.* 141.

(3) Jekk it-testatur ma jkunx jaf jew ma jkunx jista' jikteb, tgħodd id-disposizzjoni tal-artikolu 663.

14. Għalkemm is-sub-artikoli (2) u (3) isemmu biss jekk it-testatur ikunx jaf jikteb, u ma jgħidu xejn dwar jekk jafx jaqra wkoll, dawn b'ebda mod ma jolqtu l-applikabilità tal-art. 663 għax jirregolaw biss il-ħtieġa ta' firma, u mhux il-kapaċità ta' min jagħmel testment sigriet bla għajnuna, li hija biss ta' min jaf kemm jikteb u kemm jaqra.

15. Lanqas ma hu biżżejjed li, biex jitqies li "jaf jikteb", it-testatur ikun jaf biss jiffirma jew, kif ipoġġuha l-atturi, "ipinġi" jew "jiddiżinja" l-firma tiegħu bħal ma l-atturi jgħidu li kienet taf tagħmel Salvina Armeni. Il-liġi fl-art. 663 trid illi t-testatur ikun jaf jaqra u jikteb, u mhux biss jiffirma ismu, għalkemm ma tridx ukoll illi t-testatur jikteb it-testment b'idejh.

16. Relevanti wkoll huwa l-art. 672 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid hekk:

**672.** In-nuqqas ta' tħaris tal-formalitajiet imsemmjin fl-artikoli … … … 663 … … … jagħmel it-testment null.

17. Il-kwistjoni issa hi jekk Salvina Armeni kinitx taf tikteb u taqra.

18. Tassew illi Salvina Armeni kienet ħadet parir ta' avukat u qabbdet nutar pubbliku biex ifasslilha t-testment; għaliha dawn kienu "assigurazzjoni" biżżejjed li dak li kien ser jitniżżel u li dak li eventwalment ġie miktub kien dak li hija fil-fatt xtaqet li jinkiteb, u l-firma tagħha fl-aħħar tat-testment sigriet, wara l-kliem "Din hija x-xewqa tiegħi", saret bil-ħsieb li sservi ta' prova magħmula minnha stess biex turi li dak li hemm imniżżel huwa tassew ix-xewqa tagħha.

19. Tassew ukoll illi ma hemm l-ebda allegazzjoni mill-atturi li l-firma li tidher fuq it-testment sigriet m'hijiex fil-fatt il-firma ġenwina ta' Salvina Armeni magħmula minnha stess. Lanqas ma qegħdin l-atturi jallegaw li dak li hemm miktub fit-testment sigriet imur kontra x-xewqa tagħha. Ta' dan hemm ukoll ix-xhieda tan-Nutar Marco Buttigieg li qal illi "Mhux komuni li nagħmel testment sigriet jigifieri kont ċert li t-testment ikun ix-xewqa tagħha: qrajtulha darba darbtejn sakemm kont ċert li kull kelma kienet skond ix-xewqa tagħha."[7]

[7] *Fol*. 138.

20. Tassew ukoll illi l-*affidavit*[8] u x-xiehda[9] tat-Tabib Peter Ferry kif ukoll ir-rapport preżentat minnu[10] ma jurux b'xi mod konkluživ illi t-testatriċi ma kinitx mentalment kapaċi li tagħmel testment. F'kull każ, il-kawża ma hijiex dwar kapaċità mentali tat-testatriċi iżda dwar il-ħtieġa ta' għajnuna kif irid l-art. 663 tal-Kodiċi Ċivili.

21. Il-kwistjoni iżda tibqa' jekk it-testatriċi kinitx taf u tista' tikteb u taqra għax, jekk le, ma jkun jiswa xejn minn dak li ngħad hawn fuq jekk ma jkunux tħarsu l-formalitajiet li trid il-liġi.

22. L-atturi igħidu illi peress illi ommhom kienet illitterata u ma kinitx taf taqra u tikteb ma setgħetx tagħmel testment sigriet jekk mhux bil-għajnuna ta' mħallef jew maġistrat. Igħidu illi ma kellhiex dik l-għajnuna u għalhekk it-testment ma jiswiex. Il-konvenuta min-naħa l-oħra tgħid illi t-testatriċi kienet taf taqra u tikteb u għalhekk ma kinitx teħtieġ għajnuna u t-testment sigriet tagħha jiswa għal dak kollu li tgħid u trid il-liġi.

23. Biex isaħħu t-talba tagħhom, l-atturi ressqu bosta xhieda, kemm qraba u kemm barranin, li kienu jafu lil Salvina Armeni. Dawn ix-xhieda lkoll qalu illi, sa fejn huma kienu jafu, Salvina Armeni ma kinitx taf taqra u tikteb. Sa fejn dawn ix-xhieda jiftakru, huma qatt ma semgħuha taqra u qatt ma rawha tikteb. Kollha, jew kważi kollha, qalu illi l-qari kien isir mir-raġel tagħha, Carmelo Armeni, li kien jaf l-iskola, u li jekk kien hemm bżonn li tinkiteb xi ittra, kien jieħu ħsieb ir-raġel tagħha.

24. Min-naħa tal-konvenuta, din ukoll ressqet xhieda, qraba u barranin, li qalu li jiftakru lil Salvina Armeni taqra u li kienet ukoll taf tikteb, għalkemm kemm il-qari u kemm il-kitba kienu ta' natura umili u modesta.

25. Wara li qieset sew ix-xiehda kemm ta' parti u kemm ta' oħra, il-qorti hija tal-fehma, minkejja dak li jgħidu l-atturi, illi Salvina Armeni, għalkemm ma kinitx ta' skola, kienet taf taqra, jew, aħjar, kienet "tiddobba", kif, wara kollox stqarret l-istess attriċi Maria Micallef li qalet illi Salvina kienet "taqra malti mfarrak"[11]. X'aktarx li ma kinitx tispelli sew u kienet tikteb il-kelma kif tħossha – kif wara

---

8 *Fol*. 29.
9 *Foll*. 94 *et seqq*.
10 *Fol*. 167.
11 Xiehda ta' Maria Micallef fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2010, *fol*. 177.

kollox issa milli jidher iridu r-regoli ġodda tal-ortografija – iżda l-ittri kienet taf tifformahom, kif tixhed il-kitba fuq il-ktieb tar-riċetti[12], u kienet tifhem dak li tara miktub.

26. Kienet taf biżżejjed biex tikteb il-lista tax-xirja[13] u biex setgħet tgħallem lill-konvenuta, meta din kienet tifla, tikteb "bil-maqgħud"[14]. Tassew illi lin-neputi Ian Micallef kienet tgħidlu li ma kinitx ta' skola[15], iżda huwa naturali illi, imqabbla ma' dan ix-xhud, li huwa avukat, kienet tqis ruħha li ma taf xejn u, meta jkun hemm hu, xogħol ta' kitba u qari kienet tħallih f'idejh. X'aktarx ukoll illi kienet tbati biex taqra u tikteb għax ma kinitx mgħallma sew, u għalhekk ma tkunx xi ħaġa kbira jekk, kull meta setgħet, kienet tħalli f'idejn ħaddieħor, iżda dan ma jfissirx li ma kinitx taf jew, forsi aħjar, "tiddobba" biex tikteb u taqra.

27. Dwar ix-xiehda l-oħra tal-atturi li qalu li qatt ma raw lit-testatriċi tikteb jew taqra, biżżejjed jingħad illi l-fatt li ma kinitx tikteb u taqra quddiemhom ma huwiex prova konkluživa li ma kinitx taf tikteb u taqra. L-atturi jisiltu wkoll argument mill-firma tat-testatriċi: igħidu li l-firma tidher "impinġija/iddisinjata iżda mhux miktuba minn persuna li taf tikteb"[16]. Għalkemm din x'aktarx kellha tkun materja ta' perizja teknika li ma ntalbitx, il-qorti tosserva illi l-firma li tidher fuq it-testment[17], għalkemm imriegħda minħabba fl-età ta' min għamilha, x'aktarx turi li saret b'moviment wieħed – "*flowing*" – u mhux interrott kif kien ikun li kieku min għamel il-firma kellu jieqaf biex kull għal kull moviment iħares lejn il-mudell li minnu jkun qiegħed jikkopja. Il-firma, għall-inqas mad-daqqa ta' għajn, ma tidhirx li saret minn min ma jafx jikteb.

28. Fil-fehma tal-qorti għalhekk it-testatriċi Salvina Armeni ma għandhiex titqies li ma kinitx taf tikteb u taqra għall-għanijiet tal-art. 663 tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk ma kinitx teħtieġ l-għajnuna kif irid dak l-artikolu. It-testment sigriet tagħha għalhekk sar sew u jiswa.

29. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-atturi u tikkundannahom iħallsu l-ispejjez kollha tal-kawża.

---

12 *Fol*. 135.
13 Xiehda ta' Rosa Farrugia fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2010, *fol*. 150.
14 *Ibid*. *fol*. 151.
15 *Affidavit* tal-Avukat Ian Micallef, *fol*. 51.
16 Nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi, para. 5, *fol*. 271.
17 *Fol*. 16.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------